Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2021/0106(COD)

16.6.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (L-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni
(COM(2021)0206 – C9-0146/2021 – 2021/0106(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Marcel Kolaja

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fl-24 ta' April 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta leġiżlattiva tagħha li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-IA), li tintroduċi qafas regolatorju bl-objettiv li jiżgura li s-sistemi tal-IA mqiegħda fis-suq tal-Unjoni Ewropea jkunu sikuri biex jintużaw u jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-proposta tiffaċilita l-iżvilupp ta' suq uniku għal applikazzjonijiet tal-IA legali, sikuri u affidabbli, issaħħaħ il-governanza u l-infurzar effettiv tal-liġi eżistenti dwar id-drittijiet fundamentali u r-rekwiżiti tas-sikurezza applikabbli għas-sistemi tal-IA u tiżgura ċ-ċertezza legali biex tiffaċilita l-investiment u l-innovazzjoni fl-IA.

B'mod ġenerali, ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni; madankollu, jixtieq jissuġġerixxi ftit emendi primarjament biex tiġi estiża l-lista ta' applikazzjonijiet tal-IA b'riskju kbir fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-midja u tal-kultura taħt l-Anness III u biex jiġu mmodifikati ċerti dispożizzjonijiet relatati ma' prattiki pprojbiti taħt l-Artikolu 5.

B'mod aktar speċifiku, ir-Rapporteur jirrifletti fuq iż-żieda fl-introduzzjoni tat-teknoloġiji tal-IA fil-faċilitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Għalhekk, huwa jipproponi li fost it-teknoloġiji b'riskju kbir jiġu elenkati wkoll dawk it-teknoloġiji tal-IA li jintużaw għall-monitoraġġ tal-istudenti matul it-testijiet u t-teknoloġiji li jintużaw biex jiġi ddeterminat qasam jew programm li student għandu jistudja. Fir-rigward tal-midja u l-kultura, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jiġu elenkati t-teknoloġiji tal-IA b'riskju kbir li jintużaw biex joħolqu jew ixerrdu artikli tal-aħbarijiet iġġenerati mill-magni li jintużaw mill-mezzi tal-midja tal-aħbarijiet u t-teknoloġiji tal-IA li jintużaw biex jirrakkomandaw jew jikklassifikaw il-kontenut awdjoviżiv.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jipproponi li l-projbizzjoni fuq l-introduzzjoni ta' sistemi ta' punteġġ soċjali tiġi estiża għall-użu minn entitajiet pubbliċi u privati minħabba t-theddida inerenti ta' diskriminazzjoni u esklużjoni ta' ċerti gruppi jew individwi.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-periklu li l-introduzzjoni ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku joħloq għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, għal-libertà ta' għaqda, għall-ħidma tal-ġurnalisti investigattivi, tal-attivisti u tar-rappreżentanti politiċi, ir-Rapporteur jipproponi li l-introduzzjoni ta' tali teknoloġiji jiġi pprojbit f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku b'segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Ottubru 2021 dwar "L-intelliġenza artifiċjali fil-liġi kriminali u l-użu tagħha mill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali".

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u Monetarji u lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitati responsabbli, biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Dan ir-Regolament għandu l-iskop li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas legali uniformi b'mod partikolari għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali bi qbil mal-valuri tal-Unjoni. Dan ir-Regolament isegwi għadd ta' raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku, fosthom livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza, u ta' ħarsien tad-drittijiet fundamentali, u jiżgura l-moviment liberu transfruntier tal-prodotti u s-servizzi bbażati fuq ***l-AI***, u b'hekk jevita li l-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tas-sistemi ***tal-AI***, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament ***minn dan*** ir-Regolament.	(1) Dan ir-Regolament għandu l-iskop li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxi qafas legali uniformi***, ibbażat fuq prinċipji etiċi,*** b'mod partikolari għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali bi qbil mal-valuri tal-Unjoni***, filwaqt li jiġi mminimizzat kwalunkwe impatt negattiv u diskriminatorju fuq in-nies u mingħajr ma tiġi ostakolata l-innovazzjoni***. Dan ir-Regolament isegwi għadd ta' raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku, fosthom livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza, u ta' ħarsien tad-drittijiet fundamentali, ***tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-ambjent,*** u jiżgura l-moviment liberu transfruntier tal-prodotti u s-servizzi bbażati fuq ***l-IA***, u b'hekk jevita li l-Istati Membri jimponu restrizzjonijiet fuq l-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tas-sistemi ***tal-IA***, sakemm ma jkunux awtorizzati espliċitament ***b'dan*** ir-Regolament.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (is-sistemi ***tal-AI***) jistgħu faċilment jibdew jintużaw f'bosta setturi tal-ekonomija u tas-soċjetà, inkluż dawk transfruntieri, u jiċċirkolaw madwar l-Unjoni. Ċerti Stati Membri diġà esploraw l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali biex jiżguraw li l-intelliġenza artifiċjali tkun sikura u li tiġi żviluppata u tintuża skont l-obbligi tad-drittijiet fundamentali. Regoli nazzjonali	(2) Is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (is-sistemi ***tal-IA***) jistgħu faċilment jibdew jintużaw f'bosta setturi tal-ekonomija u tas-soċjetà, inkluż dawk transfruntieri, u jiċċirkolaw madwar l-Unjoni. Ċerti Stati Membri diġà esploraw l-adozzjoni ta' regoli nazzjonali biex jiżguraw li l-intelliġenza artifiċjali tkun ***affidabbli u*** sikura u li tiġi żviluppata u tintuża skont l-obbligi tad-drittijiet fundamentali. Regoli

differenti jistgħu jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq intern u jnaqqsu ċ-ċertezza legali lill-operaturi li jiżviluppaw jew jużaw is-sistemi ***tal-AI***. Għalhekk, jenħtieġ ***ikun*** żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha, filwaqt li jenħtieġ jiġu ***evitat*** d-diverġenzi li jfixklu ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sistemi ***tal-AI*** u tal-prodotti u tas-servizzi relatati fi ħdan is-suq intern, billi jiġu stabbiliti obbligi uniformi għall-operaturi u tkun żgurata l-protezzjoni uniformi tar-raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku u tad-drittijiet tal-persuni fis-suq intern kollu abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Peress li dan ir-Regolament fih regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali rigward restrizzjonijiet tal-użu ta' sistemi ***tal-AI*** għal identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, ikun xieraq li, fejn jidħlu dawk ir-regoli speċifiċi, dan ir-Regolament jiġi bbażat fuq l-Artikolu 16 tat-TFUE. Fid-dawl ta' dawk ir-regoli speċifiċi u tar-rikors għall-Artikolu 16 tat-TFUE, jixraq jiġi kkonsultat il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

nazzjonali differenti jistgħu jwasslu għal frammentazzjoni tas-suq intern u jnaqqsu ċ-ċertezza legali lill-operaturi li jiżviluppaw jew jużaw is-sistemi ***tal-IA***. Għalhekk, jenħtieġ ***li jkun*** żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni madwar l-Unjoni kollha ***sabiex tinkiseb IA affidabbli***, filwaqt li jenħtieġ ***li*** jiġu ***evitati*** d-diverġenzi li jfixklu ċ-ċirkolazzjoni libera***, l-innovazzjoni, l-introduzzjoni u l-adozzjoni*** tas-sistemi ***tal-IA*** u tal-prodotti u tas-servizzi relatati fi ħdan is-suq intern, billi jiġu stabbiliti obbligi uniformi għall-operaturi u tkun żgurata l-protezzjoni uniformi tar-raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku u tad-drittijiet tal-persuni fis-suq intern kollu abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Peress li dan ir-Regolament fih regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali rigward restrizzjonijiet tal-użu ta' sistemi ***tal-IA*** għal identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, ikun xieraq li, fejn jidħlu dawk ir-regoli speċifiċi, dan ir-Regolament jiġi bbażat fuq l-Artikolu 16 tat-TFUE. Fid-dawl ta' dawk ir-regoli speċifiċi u tar-rikors għall-Artikolu 16 tat-TFUE, jixraq jiġi kkonsultat il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-intelliġenza artifiċjali hi familja ta' teknoloġiji li qed tevolvi malajr u tista' tikkontribwixxi għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjetali fl-ispettru kollu tal-industriji u tal-attivitajiet soċjali. B'titjib fil-previżjoni, b'ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi,	(3) L-intelliġenza artifiċjali hi familja ta' teknoloġiji li qed tevolvi malajr u tista' tikkontribwixxi ***u diġà qed tikkontribwixxi*** għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji ekonomiċi u soċjetali fl-ispettru kollu tal-industriji u tal-attivitajiet soċjali***, jekk żviluppata f'konformità ma' prinċipji etiċi***. B'titjib fil-

u b'personalizzazzjoni tas-soluzzjonijiet diġitali disponibbli għall-individwi u l-organizzazzjonijiet, l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jista' jipprovdi vantaġġi kompetittivi ewlenin lill-kumpaniji u jappoġġa eżiti b'benefiċċji soċjali u ambjentali, bħal pereżempju fil-kura tas-saħħa, fil-biedja, fl-edukazzjoni u t-taħriġ, fil-ġestjoni tal-infrastruttura, fl-enerġija, fit-trasport u l-loġistika, fis-servizzi pubbliċi, fis-sigurtà, fil-ġustizzja, fl-effiċjenza tar-riżorsi u enerġetika, u fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

previżjoni, b'ottimizzazzjoni tal-operazzjonijiet u l-allokazzjoni tar-riżorsi, u b'personalizzazzjoni tas-soluzzjonijiet diġitali disponibbli għall-individwi u l-organizzazzjonijiet, l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jista' jipprovdi vantaġġi kompetittivi ewlenin lill-kumpaniji u jappoġġa eżiti b'benefiċċji soċjali u ambjentali, bħal pereżempju fil-kura tas-saħħa, fil-biedja, fl-edukazzjoni u t-taħriġ***, fil-media, fl-isports, fil-kultura***, fil-ġestjoni tal-infrastruttura, fl-enerġija, fit-trasport u l-loġistika, fis-servizzi pubbliċi, fis-sigurtà, fil-ġustizzja, fl-effiċjenza tar-riżorsi u enerġetika, u fil-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fl-istess ħin, skont iċ-ċirkostanzi rigward l-applikazzjoni u l-użu speċifiċi tagħha, l-intelliġenza artifiċjali tista' toħloq riskji u tikkawża dannu lill-interessi u lid-drittijiet pubbliċi mħarsa bil-liġi tal-Unjoni. Dan id-dannu jista' jkun materjali jew mhux materjali.	(4) Fl-istess ħin, skont iċ-ċirkostanzi rigward l-applikazzjoni u l-użu speċifiċi tagħha, l-intelliġenza artifiċjali tista' toħloq riskji u tikkawża dannu lill-interessi u lid-drittijiet pubbliċi***, li huma*** mħarsa bil-liġi tal-Unjoni***, inklużi d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, in-nies fi proċessi ta' tagħlim u n-nies impenjati soċjalment, il-privatezza, il-protezzjoni tad-data u l-awtodeterminazzjoni tal-informazzjoni, id-drittijiet soċjetali jew ambjentali***. Dan id-dannu jista' jkun materjali jew mhux materjali.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, hu meħtieġ qafas legali	(5) Għalhekk, hu meħtieġ qafas legali

tal-Unjoni li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali biex jitrawwem l-iżvilupp, l-użu u l-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fis-suq intern li fl-istess ħin jissodisfa livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sikurezza, u ***ħarsien*** tad-drittijiet fundamentali, kif rikonoxxuti u mħarsa bil-liġi tal-Unjoni. Biex jintlaħaq dak l-objettiv, jenħtieġ jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' ċerti sistemi ***tal-AI***, u b'hekk ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u dawk is-sistemi jitħallew jibbenefikaw mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dawk ir-regoli, u għalhekk jappoġġa l-objettiv li l-Unjoni tkun mexxejja dinjija fl-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali sigura, affidabbli u etika kif iddikjara l-Kunsill Ewropew[33], u tkun żgurata l-protezzjoni tal-prinċipji etiċi kif mitlub speċifikament mill-Parlament Ewropew[34].	tal-Unjoni li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali biex jitrawwem l-iżvilupp, l-użu u l-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fis-suq intern li fl-istess ħin jissodisfa livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sikurezza, u ***l-ħarsien*** tad-drittijiet fundamentali, kif rikonoxxuti u mħarsa bil-liġi tal-Unjoni***, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ambjent***. Biex jintlaħaq dak l-objettiv, jenħtieġ ***li*** jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' ċerti sistemi ***tal-IA***, u b'hekk ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u dawk is-sistemi jitħallew jibbenefikaw mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dawk ir-regoli, u għalhekk jappoġġa l-objettiv li l-Unjoni tkun mexxejja dinjija fl-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali sigura, affidabbli u etika ***abbażi tad-drittijiet fundamentali,*** kif iddikjara l-Kunsill Ewropew[33], u tkun żgurata l-protezzjoni tal-prinċipji etiċi kif mitlub speċifikament mill-Parlament Ewropew[34]***, b'approċċ iċċentrat fuq il-bniedem u f'konformità mal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-kelma, il-libertà tal-media, il-pluraliżmu u d-diversità***.
[33] Il-Kunsill Ewropew, Laqgħa Speċjali tal-Kunsill Ewropew (l-1 u t-2 ta' Ottubru 2020) – Konklużjonijiet (EUCO 13/20, 2020, p. 6).	[33] Il-Kunsill Ewropew, Laqgħa Speċjali tal-Kunsill Ewropew (l-1 u t-2 ta' Ottubru 2020) – Konklużjonijiet (EUCO 13/20, 2020, p. 6).
[34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u teknoloġiji relatati (2020/2012(INL)).	[34] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u teknoloġiji relatati (2020/2012(INL)).

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sabiex tgħin fil-promozzjoni tal-iżvilupp, l-adozzjoni u l-fehim tal-IA, jeħtieġ li l-Unjoni tagħmel sforz ulterjuri fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'hekk, fost l-oħrajn, tindirizza n-nuqqas ta' professjonisti tal-ICT u korsijiet universitarji tal-ewwel grad fl-IA, ħaddiema b'ħiliet diġitali kif ukoll nuqqas ta' ħiliet diġitali bażiċi fost sehem sinifikanti tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) In-nuqqas ta' investiment kemm pubbliku kif ukoll privat bħalissa qed idgħajjef l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA madwar l-Unjoni, speċjalment meta mqabbel ma' ekonomiji industrijali ewlenin oħra. Jenħtieġ li jitfasslu attenzjoni, inċentivi u appoġġ speċjali biex tiġi promossa l-adozzjoni tal-IA fost l-SMEs, inklużi dawk fl-edukazzjoni u fis-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kunċett ta' spazju aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ jinftiehem li jirreferi għal kull post fiżiku li hu aċċessibbli għall-pubbliku, irrispettivament minn jekk il-post inkwistjoni hux proprjetà privata jew pubblika. Għalhekk, il-kunċett ma jkoprix il-postijiet li fin-natura tagħhom huma	(9) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kunċett ta' spazju aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ ***li*** jinftiehem li jirreferi għal kull post fiżiku ***jew virtwali*** li hu aċċessibbli għall-pubbliku, irrispettivament minn jekk il-post inkwistjoni hux proprjetà privata jew pubblika. Għalhekk, il-kunċett ma jkoprix il-postijiet li fin-natura tagħhom

privati u li normalment ma jkunux aċċessibbli liberament għal partijiet terzi, inkluż awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, sakemm dawk il-partijiet ma jkunux ġew mistiedna jew awtorizzati speċifikament, bħal djar, għaqdiet privati, uffiċini, imħażen u fabbriki***. Lanqas l-ispazji online ma huma koperti għax dawn mhumiex*** spazji ***fiżiċi***. Iżda s-sempliċi fatt li għal aċċess għal spazju partikolari jaf ikunu japplikaw ċerti kundizzjonijiet, bħal biljetti tad-dħul jew restrizzjonijiet fuq l-età, ma jfissirx li l-ispazju mhux aċċessibbli għall-pubbliku skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, minbarra l-ispazji pubbliċi bħat-toroq, il-partijiet rilevanti tal-binjiet tal-gvern u l-biċċa l-kbira tal-infrastruttura tat-trasport, spazji bħal swali taċ-ċinema, teatri, ħwienet u ċentri kummerċjali normalment ikunu aċċessibbli għall-pubbliku wkoll. Iżda jekk spazju partikolari jkunx aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ jiġi determinat abbażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni individwali inkwistjoni.

huma privati u li normalment ma jkunux aċċessibbli liberament għal partijiet terzi, inkluż awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, sakemm dawk il-partijiet ma jkunux ġew mistiedna jew awtorizzati speċifikament, bħal djar, għaqdiet privati, uffiċini, imħażen u fabbriki ***u spazji privati oħra. Jenħtieġ li l-istess prinċipju japplika għal*** spazji ***virtwali aċċessibbli għall-pubbliku***. Iżda s-sempliċi fatt li għal aċċess għal spazju partikolari jaf ikunu japplikaw ċerti kundizzjonijiet, bħal biljetti tad-dħul jew restrizzjonijiet fuq l-età, ma jfissirx li l-ispazju mhux aċċessibbli għall-pubbliku skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, minbarra l-ispazji pubbliċi bħat-toroq, ***il-parks, il-kumplessi sportivi,*** il-partijiet rilevanti tal-binjiet tal-gvern u l-biċċa l-kbira tal-infrastruttura tat-trasport, spazji bħal swali taċ-ċinema, teatri, ħwienet***, mużewijiet, libreriji, monumenti, siti kulturali, istituzzjonijiet kulturali*** u ċentri kummerċjali normalment ikunu aċċessibbli għall-pubbliku wkoll. Iżda jekk spazju partikolari jkunx aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ ***li*** jiġi determinat abbażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni individwali inkwistjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Biex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi fir-rigward tas-saħħa ***u s-sikurezza***, ***u ħarsien tad-drittijiet fundamentali***, jenħtieġ jiġu stabbiliti standards normattivi komuni għas-sistemi kollha ***tal-AI*** b'riskju kbir. Jenħtieġ li dawk l-istandards ikunu konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) u jenħtieġ ma jkunux diskriminatorji filwaqt li jkunu konformi mal-impenji	(13) Biex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi fir-rigward tas-saħħa***, is-sikurezza, id-drittijiet fundamentali***, ***id-demokrazija, l-istat tad-dritt, kif ukoll l-ambjent***, jenħtieġ ***li*** jiġu stabbiliti ***sett ta' prinċipji etiċi u*** standards normattivi komuni għas-sistemi kollha ***tal-IA*** b'riskju kbir. Jenħtieġ li dawk l-istandards ikunu konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta)***, il-komunikazzjoni tal-***

kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni.	***Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" u d-Dikjarazzjoni Ewropea tas-26 ta' Jannar 2022 dwar id-Drittijiet Diġitali u l-Prinċipji għad-Deċennju Diġitali*** u jenħtieġ ***li*** ma jkunux diskriminatorji filwaqt li jkunu konformi mal-impenji kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 14b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14b) Il-litteriżmu fl-IA jirreferi għal ħiliet, għarfien u fehim li jippermettu kemm liċ-ċittadini kif ukoll lill-operaturi fil-kuntest tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament biex jintroduċu u jużaw is-sistemi tal-IA b'mod infurmat, kif ukoll biex jiksbu għarfien dwar l-opportunitajiet u r-riskji tal-IA u b'hekk issir promozzjoni tal-kontroll demokratiku tagħha. Jenħtieġ li l-litteriżmu fl-IA ma jkunx limitat għat-tagħlim dwar għodod u teknoloġiji, iżda jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħammar liċ-ċittadini u lill-operaturi fil-kuntest tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament bil-ħiliet ta' ħsieb kritiku meħtieġa biex jiġu identifikati użi dannużi jew manipulattivi, kif ukoll biex jitjiebu l-aġenzija tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jikkonformaw bis-sħiħ ma' IA affidabbli u jibbenefikaw minnha. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-operaturi tas-sistemi tal-IA, b'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, jippromwovu l-iżvilupp tal-litteriżmu fl-IA, fis-setturi kollha tas-soċjetà, għaċ-ċittadini ta' kull età, inklużi n-nisa u l-bniet, u li dak il-progress f'dak ir-rigward jiġi segwit mill-qrib.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Minbarra l-ħafna użi ta' benefiċċju tal-intelliġenza artifiċjali, dik it-teknoloġija tista' tintuża ħażin ukoll u tipprovdi għodod ġodda u qawwijin għal prattiki manipulattivi, ta' sfruttament u ta' kontroll soċjali. Dawn il-prattiki huma partikolarment dannużi u jenħtieġ jiġu pprojbiti għax imorru kontra l-valuri tal-Unjoni ta' rispett għad-dinjità umana, ta' libertà, ta' ugwaljanza, ta' demokrazija u tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, fosthom id-dritt ta' nondiskriminazzjoni, ***għal protezzjoni*** tad-data u ***għal privatezza*** u d-drittijiet tat-tfal.	(15) Minbarra l-ħafna użi ta' benefiċċju tal-intelliġenza artifiċjali, dik it-teknoloġija tista' tintuża ħażin ukoll u tipprovdi għodod ġodda u qawwijin għal prattiki manipulattivi, ta' sfruttament u ta' kontroll soċjali. Dawn il-prattiki huma partikolarment dannużi u jenħtieġ ***li*** jiġu pprojbiti għax imorru kontra l-valuri tal-Unjoni ta' rispett għad-dinjità umana, ta' libertà, ta' ugwaljanza, ta' demokrazija u tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, fosthom id-dritt ta' nondiskriminazzjoni, ***il-protezzjoni tal-impjegati u l-ħaddiema, il-protezzjoni*** tad-data u ***l-privatezza u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** u d-drittijiet tat-tfal.

Emenda 12Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Is-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir jenħtieġ jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew fis-servizz biss jekk ikunu konformi ma' ċerti rekwiżiti obbligatorji. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiżguraw li s-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir disponibbli fl-Unjoni jew li l-output tagħhom jintuża b'xi mod ieħor fl-Unjoni ma ***jkunux joħolqu*** riskji inaċċettabbli għal interessi pubbliċi importanti tal-Unjoni kif rikonoxxuti u mħarsa bil-liġi tal-Unjoni. Is-sistemi ***tal-AI*** identifikati li għandhom riskju kbir jenħtieġ ***ikunu*** limitati għal dawk li jħallu impatt dannuż ***sinifikanti*** fuq is-saħħa, fuq is-sikurezza u fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni fl-Unjoni u din il-limitazzjoni	(27) Is-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir jenħtieġ ***li*** jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew fis-servizz biss jekk ikunu konformi ma' ċerti rekwiżiti obbligatorji. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiżguraw li s-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir disponibbli fl-Unjoni jew li l-output tagħhom jintuża b'xi mod ieħor fl-Unjoni ma ***joħolqux*** riskji inaċċettabbli għal interessi pubbliċi importanti tal-Unjoni kif rikonoxxuti u mħarsa bil-liġi tal-Unjoni. Is-sistemi ***tal-IA*** identifikati li għandhom riskju kbir jenħtieġ ***li jkunu*** limitati għal dawk li jħallu impatt dannuż fuq is-saħħa, fuq is-sikurezza u fuq id-drittijiet fundamentali tal-persuni fl-Unjoni***, kif ukoll fuq is-soċjetà u fuq l-***

tnaqqas kemm jista' jkun kull restrizzjoni potenzjali fuq il-kummerċ internazzjonali, jekk ikun hemm.

ambjent, u din il-limitazzjoni tnaqqas kemm jista' jkun kull restrizzjoni potenzjali fuq il-kummerċ internazzjonali, jekk ikun hemm.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Is-sistemi ***tal-AI*** jistgħu jipproduċu eżiti negattivi għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, b'mod partikolari meta dawn is-sistemi jaħdmu bħala komponenti ta' prodotti. B'mod konsistenti mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-prodotti fis-suq intern u biex ikun żgurat li prodotti sikuri u konformi b'xi mod ieħor biss jitqiegħdu fis-suq, hu importanti li jiġu evitati u mmitigati kif xieraq ir-riskji għas-sikurezza li jistgħu jiġu ġġenerati minn prodott sħiħ minħabba l-komponenti diġitali tiegħu, inkluż sistemi ***tal-AI***. Pereżempju, robots dejjem aktar awtonomi, sew fil-kuntest tal-manifattura u sew fil-kuntest tal-assistenza u l-kura personali, jenħtieġ ***ikunu*** jistgħu jitħaddmu b'mod sikur u jwettqu l-funzjonijiet tagħhom f'ambjenti kumplessi. Bl-istess mod, fis-settur tas-saħħa fejn l-interessi għall-ħajja u għas-saħħa huma partikolarment għoljin, jenħtieġ li s-sistemi dijanjostiċi dejjem aktar sofistikati u s-sistemi li jappoġġaw id-deċiżjonijiet umani jkunu affidabbli u eżatti. Il-firxa tal-impatt negattiv ikkawżat mis-sistema ***tal-AI*** fuq id-drittijiet fundamentali mħarsa mill-Karta għandha rilevanza partikolari meta sistema ***tal-AI*** tiġi kklassifikata li għandha riskju kbir. Dawk id-drittijiet jinkludu d-dritt għad-dinjità umana, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' għaqda u ta'	(28) Is-sistemi ***tal-IA*** jistgħu jipproduċu eżiti negattivi għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, b'mod partikolari meta dawn is-sistemi jaħdmu bħala komponenti ta' prodotti. B'mod konsistenti mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-prodotti fis-suq intern u biex ikun żgurat li prodotti sikuri u konformi b'xi mod ieħor biss jitqiegħdu fis-suq, hu importanti li jiġu evitati u mmitigati kif xieraq ir-riskji għas-sikurezza li jistgħu jiġu ġġenerati minn prodott sħiħ minħabba l-komponenti diġitali tiegħu, inkluż sistemi ***tal-IA***. Pereżempju, robots dejjem aktar awtonomi, sew fil-kuntest tal-manifattura u sew fil-kuntest tal-assistenza u l-kura personali, jenħtieġ ***li jkunu*** jistgħu jitħaddmu b'mod sikur u jwettqu l-funzjonijiet tagħhom f'ambjenti kumplessi. Bl-istess mod, fis-settur tas-saħħa fejn l-interessi għall-ħajja u għas-saħħa huma partikolarment għoljin, jenħtieġ li s-sistemi dijanjostiċi dejjem aktar sofistikati u s-sistemi li jappoġġaw id-deċiżjonijiet umani jkunu affidabbli u eżatti. Il-firxa tal-impatt negattiv ikkawżat mis-sistema ***tal-IA*** fuq id-drittijiet fundamentali mħarsa mill-Karta għandha rilevanza partikolari meta sistema ***tal-IA*** tiġi kklassifikata li għandha riskju kbir. Dawk id-drittijiet jinkludu d-dritt għad-dinjità umana, ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà ta' għaqda u ta'

assoċjazzjoni, u n-nondiskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet tal-ħaddiema, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, id-dritt għad-difiża u l-preżunzjoni ta' innoċenza, id-dritt għal amministrazzjoni tajba. Minbarra dawk id-drittijiet, hu importanti li jiġi enfasizzat li t-tfal għandhom drittijiet speċifiċi kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (elaborata aktar fil-Kumment Ġenerali Nru 25 tal-UNCRC fir-rigward tal-ambjent diġitali), li t-tnejn li huma jeħtieġu kunsiderazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tat-tfal u l-għoti ta' tali protezzjoni u kura kif meħtieġ għall-benesseri tagħhom. Id-dritt fundamentali għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali, kif stabbilit fil-Karta u implimentat fil-politiki tal-Unjoni, jenħtieġ jitqies ukoll waqt il-valutazzjoni ***tas-severità*** tad-dannu li sistema ***tal-AI*** tista' tikkawża, inkluż rigward is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni.

assoċjazzjoni, u n-nondiskriminazzjoni, ***id-dritt għall-edukazzjoni,*** il-protezzjoni tal-konsumatur, id-drittijiet tal-ħaddiema***. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, id-dritt għad-difiża u l-preżunzjoni ta' innoċenza, id-dritt għal amministrazzjoni tajba. ***il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-iżgurar tad-diversità kulturali.*** Minbarra dawk id-drittijiet, hu importanti li jiġi enfasizzat li t-tfal għandhom drittijiet speċifiċi kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-Karta tal-UE u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (elaborata aktar fil-Kumment Ġenerali Nru 25 tal-UNCRC fir-rigward tal-ambjent diġitali), li t-tnejn li huma jeħtieġu kunsiderazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tat-tfal u l-għoti ta' tali protezzjoni u kura kif meħtieġ għall-benesseri tagħhom. Id-dritt fundamentali għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali, kif stabbilit fil-Karta u implimentat fil-politiki tal-Unjoni, jenħtieġ ***li*** jitqies ukoll waqt il-valutazzjoni tad-dannu li sistema ***tal-IA*** tista' tikkawża, inkluż rigward is-saħħa u s-sikurezza tal-persuni ***jew l-ambjent, filwaqt li jitqiesu l-estrazzjoni u l-konsum tar-riżorsi naturali, l-iskart u l-impronta tal-karbonju ta' dawk is-sistemi tal-IA***.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) L-ineżattezzi tas-sistemi ***tal-AI*** maħsuba għall-identifikazzjoni bijometrika remota ta' persuni fiżiċi jistgħu jwasslu għal riżultati preġudikati u jħallu effetti diskriminatorji. Dan hu partikolarment rilevanti fir-rigward tal-età, tal-etniċità, tal-ġeneru jew tad-diżabbiltà. Għaldaqstant, is-	(33) L-ineżattezzi tas-sistemi ***tal-IA*** maħsuba għall-identifikazzjoni bijometrika remota ta' persuni fiżiċi jistgħu jwasslu għal riżultati preġudikati u jħallu effetti diskriminatorji. Dan hu partikolarment rilevanti fir-rigward tal-età, tal-etniċità, tal-ġeneru jew tad-diżabbiltà. Għaldaqstant, is-

sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" u "f'ħin aktar tard" jenħtieġ jiġu kklassifikati li għandhom riskju kbir. Fid-dawl tar-riskji li joħolqu, iż-żewġ tipi ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika ***remota*** jenħtieġ ***ikunu*** soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi dwar il-kapaċitajiet tal-illoggjar u s-sorveljanza umana.	sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "fil-ħin reali" u "f'ħin aktar tard" jenħtieġ ***li*** jiġu kklassifikati li għandhom riskju kbir. Fid-dawl tar-riskji li joħolqu, iż-żewġ tipi ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika jenħtieġ ***li jkunu*** soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi dwar il-kapaċitajiet tal-illoggjar u s-sorveljanza umana. ***Is-sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota maħsuba biex jintużaw fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku, postijiet tax-xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu wkoll jippreżentaw riskju kbir. Ir-riskju kbir ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika mhux remota maħsuba biex jintużaw fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku, postijiet tax-xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li jiġu determinati fuq bażi ta' każ b'każ.***

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) L-introduzzjoni ta' sistemi tal-IA fl-edukazzjoni hija kruċjali sabiex tgħin fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni sħaħ, biex titjieb il-kwalità edukattiva, kemm offline kif ukoll online, u biex tiġi aċċelerata l-edukazzjoni diġitali, u b'hekk issir disponibbli wkoll għal udjenza usa'. L-edukazzjoni diġitali megħjuna bl-IA, filwaqt li mhijiex sostitut għal apprendiment fiżiku, hija dejjem aktar meħtieġa biex tippromwovi t-tkabbir soċjetali u ekonomiku, tippromwovi l-inklużività u żżid il-kisba ta' riżultati edukattivi u l-aċċessibbiltà għall-individwi.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Is-sistemi ***tal-AI*** użati fl-edukazzjoni jew it-taħriġ ***vokazzjonali***, b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-aċċess jew għall-assenjazzjoni ta' persuni f'istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ ***vokazzjonali*** jew għall-evalwazzjoni ta' persuni b'testijiet bħala parti mill-edukazzjoni tagħhom jew bħala prekundizzjoni għal din, jenħtieġ jitqiesu li għandhom riskju kbir għax jistgħu jiddeterminaw il-kors edukattiv u professjonali tal-ħajja ta' persuna u għalhekk jaffettwaw l-abbiltà tagħhom li jiżguraw l-għajxien tagħhom. Meta jitfasslu u jintużaw b'mod mhux xieraq, dawn is-sistemi jistgħu jiksru d-dritt għal edukazzjoni u taħriġ, u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni u jkattru mudelli storiċi ta' diskriminazzjoni.	(35) Is-sistemi ***tal-IA*** użati fl-edukazzjoni jew it-taħriġ, b'mod partikolari għad-determinazzjoni tal-aċċess jew għall-assenjazzjoni ta' persuni f'istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ jew għall-evalwazzjoni ta' persuni b'testijiet bħala parti mill-edukazzjoni tagħhom jew bħala prekundizzjoni għal din, ***jew biex jiġu ddeterminati l-oqsma ta' studju li student għandu jsegwi*** jenħtieġ ***li*** jitqiesu li għandhom riskju kbir għax jistgħu jiddeterminaw il-kors edukattiv u professjonali tal-ħajja ta' persuna u għalhekk jaffettwaw l-abbiltà tagħhom li jiżguraw l-għajxien tagħhom. Meta jitfasslu***, jiġu żviluppati*** u jintużaw b'mod mhux xieraq, dawn is-sistemi jistgħu jiksru d-dritt għal edukazzjoni u taħriġ, u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni u jkattru mudelli storiċi ta' diskriminazzjoni***, pereżempju kontra n-nisa, ċerti gruppi ta' età, persuni b'diżabbiltà, jew persuni ta' ċerti oriġini razzjali jew etnika jew orjentazzjoni sesswali. Is-sistemi tal-IA li użati biex jimmonitorjaw l-imġiba u l-emozzjoni tal-istudenti waqt it-testijiet fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jenħtieġ li jitqiesu bħala ta' riskju kbir, peress li jkunu qed jinterferixxu wkoll fid-drittijiet tal-istudenti għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. L-użu tal-IA biex jiġu vverifikati l-valutazzjonijiet, bħal dokumenti ta' eżami għall-plaġjariżmu, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala riskju għoli.***

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Anki s-sistemi ***tal-AI*** użati fl-impjiegi, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-aċċess għal impjieg indipendenti, b'mod partikolari għar-reklutaġġ u għall-għażla tal-persuni, għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-promozzjoni u t-terminazzjoni u għall-allokazzjoni tal-kompiti, għall-monitoraġġ jew ***għall-evalwazzjoni*** tal-persuni f'relazzjonijiet ***kuntrattwali*** relatati max-xogħol, jenħtieġ jiġu kklassifikati li għandhom riskju kbir għax jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prospetti futuri tal-karriera u tal-għajxien ta' dawk il-persuni. Jenħtieġ li r-relazzjonijiet ***kuntrattwali*** rilevanti relatati max-xogħol ikunu jinvolvu lill-impjegati u lill-persuni li jipprovdu servizzi permezz ta' pjattaformi kif imsemmi fil-Programm ta' Ħidma 2021 tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li, fil-prinċipju, dawn il-persuni ma jitqisux bħala utenti skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Tul il-proċess tar-reklutaġġ u fl-evalwazzjoni, fil-promozzjoni, jew fiż-żamma ta' persuni f'relazzjonijiet ***kuntrattwali*** relatati max-xogħol, dawn is-sistemi jistgħu jkattru mudelli storiċi ta' diskriminazzjoni, pereżempju kontra n-nisa, ċerti gruppi ta' età, persuni b'diżabbiltà, jew persuni ta' ċerta oriġini razzjali jew etnika jew orjentazzjoni sesswali. Is-sistemi ***tal-AI*** użati għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tal-imġiba ta' dawn il-persuni jistgħu jħallu impatt ukoll fuq id-drittijiet tagħhom għal protezzjoni tad-data u privatezza.	(36) Anki s-sistemi ***tal-IA*** użati fl-impjiegi***, fl-appoġġ għall-impjiegi***, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-aċċess għal impjieg indipendenti, b'mod partikolari għar-reklutaġġ u għall-għażla tal-persuni, għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-promozzjoni u t-terminazzjoni u għall-allokazzjoni tal-kompiti, għall-monitoraġġ ***tal-konformità mar-regoli tal-post tax-xogħol u għall-monitoraġġ*** jew ***l-evalwazzjoni*** tal-persuni f'relazzjonijiet relatati max-xogħol, jenħtieġ ***li*** jiġu kklassifikati li għandhom riskju kbir għax jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti ***r-regoli tas-saħħa, tas-sikurezza u tas-sigurtà applikabbli fix-xogħol tagħhom u fil-postijiet tax-xogħol tagħhom u*** l-prospetti futuri tal-karriera u tal-għajxien ta' dawk il-persuni. Jenħtieġ li r-relazzjonijiet rilevanti relatati max-xogħol ikunu jinvolvu lill-impjegati u lill-persuni li jipprovdu servizzi permezz ta' pjattaformi kif imsemmi fil-Programm ta' Ħidma 2021 tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li, fil-prinċipju, dawn il-persuni ma jitqisux bħala utenti skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Tul il-proċess tar-reklutaġġ u fl-evalwazzjoni, fil-promozzjoni, jew fiż-żamma ta' persuni f'relazzjonijiet relatati max-xogħol, dawn is-sistemi jistgħu jkattru mudelli storiċi ta' diskriminazzjoni, pereżempju kontra n-nisa, ċerti gruppi ta' età, persuni b'diżabbiltà, jew persuni ta' ċerta oriġini razzjali jew etnika jew orjentazzjoni sesswali. Is-sistemi ***tal-IA*** użati għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni u tal-imġiba ta' dawn il-persuni jistgħu jħallu impatt ukoll fuq id-drittijiet tagħhom għal protezzjoni tad-data u privatezza. ***F'dan ir-rigward, jenħtieġ li japplikaw rekwiżiti speċifiċi dwar it-trasparenza, l-informazzjoni u s-sorveljanza umana. It-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jkunu infurmati u jenħtieġ li jkollhom aċċess għal kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti***

maħluqa taħt dan ir-Regolament għal sistemi tal-IA b'riskju kbir introdotti jew użati fix-xogħol tagħhom jew fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) Ċerti sistemi ***tal-AI maħsuba*** biex jinteraġixxu ma' persuni fiżiċi jew biex jiġġeneraw xi kontenut, jistgħu joħolqu riskji speċifiċi ta' impersonalizzazzjoni jew qerq irrispettivament minn jekk dawn jikkwalifikawx li għandhom riskju kbir jew le. Għalhekk, f'ċerti ċirkostanzi, jenħtieġ li l-użu ta' dawn is-sistemi jkun soġġett għal obbligi speċifiċi tat-trasparenza mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti u l-obbligi tas-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir. B'mod partikolari, il-persuni fiżiċi jenħtieġ jiġu notifikati li qed jinteraġixxu ma' sistema ***tal-AI***, sakemm dan ma jkunx ovvju miċ-ċirkostanzi u mill-kuntest tal-użu. Barra minn hekk, il-persuni fiżiċi jenħtieġ jiġu notifikati meta jkunu esposti għal sistema ta' rikonoxximent tal-emozzjonijiet jew għal sistema ta' kategorizzazzjoni bijometrika. Jenħtieġ li ***dawn l-informazzjoni*** u ***n-notifiki*** jiġu pprovduti b'formati aċċessibbli ***għall-persuni*** b'diżabbiltà. Barra minn hekk, l-utenti li jużaw sistema ***tal-AI*** biex jiġġeneraw jew jimmanipulaw kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo li sostanzjalment jixbah lil persuni, postijiet jew avvenimenti eżistenti b'tali mod li jkunu jidhru b'mod falz daqslikieku persuna awtentika, jenħtieġ jiżvelaw li l-kontenut inħoloq jew ġie mmanipulat b'mod artifiċjali billi jittikkettaw l-output tal-intelliġenza artifiċjali kif xieraq u jiżvelaw l-oriġini artifiċjali tiegħu.	(70) Ċerti sistemi ***tal-IA użati*** biex jinteraġixxu ma' persuni fiżiċi jew biex jiġġeneraw xi kontenut, jistgħu joħolqu riskji speċifiċi ta' impersonalizzazzjoni jew qerq irrispettivament minn jekk dawn jikkwalifikawx li għandhom riskju kbir jew le. Għalhekk, f'ċerti ċirkostanzi, jenħtieġ li l-użu ta' dawn is-sistemi jkun soġġett għal obbligi speċifiċi tat-trasparenza mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti u l-obbligi tas-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir. B'mod partikolari, il-persuni fiżiċi jenħtieġ ***li*** jiġu notifikati li qed jinteraġixxu ma' sistema ***tal-IA***, sakemm dan ma jkunx ovvju miċ-ċirkostanzi u mill-kuntest tal-użu ***jew fejn il-kontenut jintuża b'mod evidenti biex jifforma parti minn xogħol ċinematografiku kreattiv, artistiku jew fittizju***. Barra minn hekk, il-persuni fiżiċi jenħtieġ ***li*** jiġu notifikati meta jkunu esposti għal sistema ta' rikonoxximent tal-emozzjonijiet jew għal sistema ta' kategorizzazzjoni bijometrika. ***Tali informazzjoni u notifiki*** jenħtieġ li ***jinkludu ċaħda ta' responsabbiltà*** u ***jenħtieġ li*** jiġu pprovduti b'formati aċċessibbli ***għat-tfal, l-anzjani, il-migranti u l-persuni*** b'diżabbiltà ***jew vulnerabbiltajiet oħra***. Barra minn hekk, l-utenti li jużaw sistema ***tal-IA*** biex jiġġeneraw jew jimmanipulaw kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo***, testi jew kitbiet*** li sostanzjalment jixbah lil persuni, postijiet jew avvenimenti eżistenti b'tali mod li jkunu jidhru b'mod falz daqslikieku persuna awtentika, jenħtieġ ***li*** jiżvelaw

	b'mod ċar li l-kontenut inħoloq jew ġie mmanipulat b'mod artifiċjali billi jittikkettaw l-output tal-intelliġenza artifiċjali kif xieraq u jiżvelaw l-oriġini artifiċjali tiegħu.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(73) Biex tiġi promossa u protetta l-innovazzjoni, hu importanti li jitqiesu b'mod partikolari l-interessi tal-forniturifuq skala żgħira u tal-utenti tas-sistemi ***tal-AI***. Għal dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw inizjattivi mmirati lejn dawk l-operaturi, inkluż dwar is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Barra minn hekk, meta l-Korpi Notifikati jistabbilixxu tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità, jenħtieġ jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-forniturifuq skala żgħira. Il-kostijiet tat-traduzzjoni relatata mad-dokumentazzjoni obbligatorja u mal-komunikazzjoni mal-awtoritajiet jistgħu jikkostitwixxu kost sinifikanti għall-fornituri u għal operaturi oħrajn, b'mod partikolari għal dawk fuq skala iżgħar. Jenħtieġ li, possibbilment, l-Istati Membri jiżguraw li waħda mil-lingwi determinati u aċċettati minnhom għad-dokumentazzjoni tal-fornituririlevanti u għall-komunikazzjoni mal-operaturi tkun waħda li tinftiehem b'mod wiesa' mill-akbar ammont ta' utenti ***transkfruntieri*** possibbli.	(73) Biex tiġi promossa u protetta l-innovazzjoni, hu importanti li jitqiesu b'mod partikolari l-interessi tal-forniturifuq skala żgħira u tal-utenti tas-sistemi ***tal-IA***. Għal dan l-objettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw inizjattivi mmirati lejn dawk l-operaturi, inkluż dwar ***il-litteriżmu fl-IA,*** is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni tal-informazzjoni. Barra minn hekk, meta l-Korpi Notifikati jistabbilixxu tariffi għall-valutazzjoni tal-konformità, jenħtieġ ***li*** jitqiesu l-interessi u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-forniturifuq skala żgħira. Il-kostijiet tat-traduzzjoni relatata mad-dokumentazzjoni obbligatorja u mal-komunikazzjoni mal-awtoritajiet jistgħu jikkostitwixxu kost sinifikanti għall-fornituri u għal operaturi oħrajn, b'mod partikolari għal dawk fuq skala iżgħar. Jenħtieġ li, possibbilment, l-Istati Membri jiżguraw li waħda mil-lingwi determinati u aċċettati minnhom għad-dokumentazzjoni tal-fornituririlevanti u għall-komunikazzjoni mal-operaturi tkun waħda li tinftiehem b'mod wiesa' mill-akbar ammont ta' utenti ***transfruntiera*** possibbli.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) Biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji għall-implimentazzjoni li jirriżultaw minn nuqqas ta' għarfien u għarfien espert fis-suq kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-forniturи u tal-korpi notifikati mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, il-pjattaforma ***tal-AI ondemand***, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u l-Faċilitajiet tal-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew tal-UE jenħtieġ li possibbilment jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Bħala parti mill-missjoni u l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, dawn jistgħu jipprovdu appoġġ tekniku u xjentifiku b'mod partikolari lill-forniturи u lill-korpi notifikati.	(74) Biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji għall-implimentazzjoni li jirriżultaw minn nuqqas ta' għarfien u għarfien espert fis-suq kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-forniturи u tal-korpi notifikati mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, il-pjattaforma ***tal-IA fuq talba***, iċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u l-Faċilitajiet tal-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew tal-UE jenħtieġ li possibbilment jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Bħala parti mill-missjoni u l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, dawn jistgħu jipprovdu appoġġ tekniku u xjentifiku b'mod partikolari lill-forniturи u lill-korpi notifikati. ***Jeħtieġ li l-Kummissjoni toħloq ukoll network pan-Ewropew ta' universitajiet u riċerkaturi ffukati fuq l-IA għal studju u riċerka msaħħa dwar l-impatt tal-IA u li taġġorna l-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali", sabiex l-IA u l-innovazzjoni tar-robotika jiġu integrati fl-edukazzjoni.***

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 76

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(76) Biex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni bla xkiel, effettiva u armonizzata ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ jiġi stabbilit Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali. Jenħtieġ li l-Bord	(76) Biex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni bla xkiel, effettiva u armonizzata ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ ***li*** jiġi stabbilit Bord Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali. Jenħtieġ li l-Bord

ikun responsabbli għal għadd ta' kompiti konsultattivi, inkluż il-ħruġ ta' opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet, pariri jew gwida dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar speċifikazzjonijiet tekniċi jew standards eżistenti rigward ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-għoti ta' pariri u ta' assistenza lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-intelliġenza artifiċjali.	ikun responsabbli għal għadd ta' kompiti konsultattivi, inkluż il-ħruġ ta' opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet, pariri jew gwida dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar speċifikazzjonijiet tekniċi jew standards eżistenti rigward ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-għoti ta' pariri ***espert*** u ta' assistenza lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-intelliġenza artifiċjali ***u mal-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw mill-evolviment tat-teknoloġiji tal-IA li qed jiżviluppaw b'ritmu mgħaġġel***.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 83

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(83) Biex tkun żgurata kooperazzjoni fiduċjuża u kostruttiva tal-awtoritajiet kompetenti fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, jenħtieġ li l-partijiet kollha involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tad-data miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.	(83) Biex tkun żgurata kooperazzjoni fiduċjuża u kostruttiva tal-awtoritajiet kompetenti fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, jenħtieġ li l-partijiet kollha involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tad-data miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. ***Huwa xieraq li jiġi stabbilit sett ġdid ta' linji gwida u standards komuni Ewropej sabiex tiġi protetta l-privatezza filwaqt li jsir użu effettiv tad-data disponibbli.***

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 85

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(85) Biex ikun żgurat li l-qafas regolatorju jista' jiġi adattat meta meħtieġ,	(85) Biex ikun żgurat li l-qafas regolatorju jista' jiġi adattat meta meħtieġ,

is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda t-tekniki u l-approċċi msemmija fl-Anness I għad-definizzjoni tas-sistemi ***tal-AI***, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness II, is-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir elenkati fl-Anness III, id-dispożizzjonijiet dwar id-dokumentazzjoni teknika elenkati fl-Anness IV, il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE fl-Anness V, id-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità fl-Annessi VI u VII, u d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu s-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir li għalihom jenħtieġ tapplika l-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità bbażata fuq il-valutazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità u fuq il-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni teknika. Hu importanti b'mod partikolari li tul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[58]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ ***li*** tiġi delegata lill-Kummissjoni biex temenda t-tekniki u l-approċċi msemmija fl-Anness I għad-definizzjoni tas-sistemi ***tal-IA***, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni elenkata fl-Anness II, is-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir elenkati fl-Anness III, id-dispożizzjonijiet dwar id-dokumentazzjoni teknika elenkati fl-Anness IV, il-kontenut tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE fl-Anness V, id-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità fl-Annessi VI u VII, u d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu s-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir li għalihom jenħtieġ ***li*** tapplika l-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità bbażata fuq il-valutazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità u fuq il-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni teknika. Hu importanti b'mod partikolari li tul il-ħidma preparatorja tagħha, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[58]***. Tali konsultazzjonijiet jenħtieġ li jinvolvu speċjalisti kwalifikati minn oqsma differenti tas-soċjetà, inkluż mis-settur privat, riċerkaturi u xjenzjati, rappreżentanti tal-edukazzjoni, tal-media u tal-kultura, trade unions, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, tal-ġenituri u tal-protezzjoni tad-data b'ħiliet u għarfien rilevanti għall-kompitu***. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[58] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[58] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 86a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(86a) Minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u l-għarfien espert tekniku meħtieġ fit-twettiq tal-valutazzjoni tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir, jenħtieġ li d-delega tas-setgħat u s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jiġu eżerċitati bl-akbar flessibbiltà possibbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina regolarment l-Anness III mingħajr dewmien żejjed, mill-inqas kull sitt xhur, filwaqt li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-esperti tal-etika, l-antropoloġi, is-soċjoloġi, l-ispeċjalisti tas-saħħa mentali u kwalunkwe xjenzjat u riċerkatur rilevanti ieħor, kif ukoll mal-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) regoli armonizzati tat-trasparenza għas-sistemi ***tal-AI maħsuba biex jinteraġixxu ma' persuni fiżiċi, ma' sistemi ta' rikonoxximent tal-emozzjonijiet u ma' sistemi ta' kategorizzazzjoni bijometrika, u ma' sistemi tal-AI użati biex jiġġeneraw jew jimmanipulaw kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo***;	(c) regoli armonizzati tat-trasparenza għas-sistemi ***tal-IA***;

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa jew jimmina r-riċerka akkademika jew l-iżvilupp ta' sistemi tal-IA u l-outputs tagħhom għall-fini ta' riċerka akkademika.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) "utent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li juża sistema ***tal-AI*** fl-awtorità tiegħu, għajr meta s-sistema ***tal-AI*** tintuża waqt attività personali mhux professjonali;	(4) "utent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, ***istituzzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ,*** aġenzija jew korp ieħor li juża sistema ***tal-IA*** fl-awtorità tiegħu, għajr meta s-sistema ***tal-IA*** tintuża waqt attività personali mhux professjonali;

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) "sistema tal-kategorizzazzjoni bijometrika" tfisser sistema ***tal-AI*** għall-fini ta' assenjazzjoni ta' persuni fiżiċi għal kategoriji speċifiċi, ***bħall-ġeneru***, l-età, il-kulur tax-xagħar, il-kulur tal-għajnejn, tattoos, l-oriġini etnika jew l-orjentazzjoni sesswali jew politika, abbażi tad-data bijometrika tagħhom;	(35) "sistema tal-kategorizzazzjoni bijometrika" tfisser sistema ***tal-IA li tuża data bijometrika, jew data oħra fiżika, fiżjoloġika jew tal-imġiba,*** għall-fini ta' assenjazzjoni ta' persuni fiżiċi għal kategoriji speċifiċi, ***bħas-sess***, l-età, il-kulur tax-xagħar, il-kulur tal-għajnejn, tattoos, l-oriġini etnika jew l-orjentazzjoni sesswali jew politika, abbażi tad-data bijometrika tagħhom;

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) "spazju aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser kwalunkwe post ***fiżiku*** aċċessibbli għall-pubbliku, irrispettivament minn jekk jistgħux japplikaw ċerti kundizzjonijiet għall-aċċess;	(39) "spazju aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser kwalunkwe post aċċessibbli għall-pubbliku, irrispettivament minn jekk jistgħux japplikaw ċerti kundizzjonijiet għall-aċċess;

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mewt ta' persuna jew dannu serju ***għas-saħħa*** ta' persuna, għall-proprjetà jew għall-ambjent,	(a) il-mewt ta' persuna jew dannu serju ***għad-drittijiet fundamentali*** ta' persuna, ***għas-saħħa,*** għall-proprjetà jew għall-ambjent, ***għad-demokrazija jew għall-istat tad-dritt demokratiku,***

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) "istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ" tfisser fornituri ta' edukazzjoni u taħriġ, irrispettivament mill-età tal-persuni li jirċievu l-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi l-iskejjel tal-preprimarja, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal, l-iskejjel primarji, l-iskejjel sekondarji, il-fornituri tal-edukazzjoni terzjarja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u kwalunkwe tip ta' fornitur tat-tagħlim tul

il-ħajja.

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44b) "istituzzjonijiet kulturali" tfisser istituzzjonijiet bħal libreriji, mużewijiet, teatri, swali tal-kunċerti, ċentri ta' wirjiet, kumplessi arkitettoniċi u postijiet tal-arti bi skopijiet multipli, kif ukoll is-sezzjonijiet virtwali tagħhom, li jorganizzaw edukazzjoni kulturali, skambji demokratiċi u riċerka u jipprovdu modi u mezzi ta' involviment fil-wirt kulturali;

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44c) "deep fake" tfisser kontenut awdjo, viżiv jew awdjoviżiv manipulat jew sintetiku, test jew kitbiet li fihom il-persuni huma allegatament awtentiċi u veri;

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 44d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44d) "Litteriżmu fl-IA" tfisser il-ħiliet, l-għarfien u l-fehim rigward is-sistemi tal-IA.

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	IA affidabbli
	1. Is-sistemi kollha tal-IA fl-Unjoni għandhom jiġu żviluppati, introdotti u użati fir-rispett sħiħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta).
	2. Fid-dawl tal-promozzjoni ta' IA affidabbli fl-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu III għas-sistemi tal-IA b'riskju kbir, is-sistemi kollha tal-IA għandhom jiġu żviluppati, introdotti u użati:
	(a) b'mod legali, ġust u trasparenti ("il-prinċipju tal-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza");
	(b) b'mod li jiżgura li l-persuni fiżiċi jkunu dejjem kapaċi jieħdu deċiżjonijiet infurmati rigward tali sistemi u li tali sistemi ma jimminawx jew ma jipprevalux fuq l-awtonomija tal-bniedem ("il-prinċipju tal-intervent u s-sorveljanza tal-bniedem");
	(c) b'mod li jiżgura l-prestazzjoni sikura, preċiża u affidabbli tagħhom, b'salvagwardji inkorporati għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe tip ta' dannu individwali jew kollettiv ("il-prinċipju tas-sikurezza, il-preċiżjoni, l-affidabbiltà u r-robustezza");
	(d) b'mod li jiggarantixxi l-privatezza u l-protezzjoni tad-data ("il-prinċipju tal-privatezza");
	(e) b'mod li jipprivileġġja l-integrità u l-kwalità tad-data, inkluż fir-rigward tal-aċċess ("il-prinċipju tal-governanza tad-

data");

(f) b'mod li s-sistemi jkunu jistgħu jiġu traċċati, awditjati u spjegati sabiex jiġu żgurati r-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont għall-outcomes tagħhom u jiġi appoġġat ir-rimedju ("il-prinċipju tat-traċċabbiltà, il-kapaċità ta' awditjar, l-ispjegabbiltà u l-obbligu ta' rendikont");

(g) b'mod li ma jiddiskriminax kontra persuni jew gruppi ta' persuni abbażi ta' preġudizzju inġust u li jinkludi, għal dak il-għan, il-parteċipazzjoni u l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti ("il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u diversità");

(h) b'mod ambjentalment sostenibbli li jimminimizza l-impronta ambjentali tagħhom, inkluż fir-rigward tal-estrazzjoni u l-konsum tar-riżorsi naturali ("il-prinċipju tas-sostenibbiltà ambjentali");

(i) b'mod soċjalment responsabbli li jimminimizza l-impatt negattiv tagħhom fuq is-soċjetà, speċjalment fir-rigward tal-inugwaljanzi soċjali u bejn il-ġeneri u l-proċessi demokratiċi ("il-prinċipju tar-responsabbiltà soċjali").

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Litteriżmu fl-IA
	1. Meta jimplimentaw dan ir-Regolament, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri u għodod għall-iżvilupp ta' livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA, mas-setturi u l-gruppi ta' operaturi kollha kkonċernati, inkluż permezz ta' programmi ta' edukazzjoni u

taħriġ, taħriġ ta' ħiliet u taħriġ mill-ġdid u filwaqt li jiżguraw bilanċ xieraq bejn il-ġeneri u l-età, bil-ħsieb li jippermettu kontroll demokratiku tas-sistemi tal-IA.

2. Il-fornituri u l-utenti tas-sistemi tal-IA għandhom jippromwovu l-għodod u għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA tal-persunal tagħhom u ta' kwalunkwe persuna oħra li tittratta t-tħaddim u l-użu tas-sistemi tal-IA f'isimhom, filwaqt li jqisu l-għarfien tekniku, l-esperjenza, l-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom u l-ambjent li fih għandhom jintużaw is-sistemi tal-IA, u filwaqt li jqisu l-persuni jew il-gruppi ta' persuni li fuqhom għandhom jintużaw is-sistemi tal-IA.

3. Tali għodod u miżuri ta' litteriżmu għandhom jikkonsistu, b'mod partikolari, fit-tagħlim u l-apprendiment ta' kunċetti u ħiliet bażiċi dwar is-sistemi tal-IA u l-funzjonament tagħhom, inklużi t-tipi differenti ta' prodotti u użi, ir-riskji u l-benefiċċji tagħhom u s-severità tad-dannu li jistgħu jikkawżaw u l-probabbiltà li dan iseħħ.

4. Il-livell ta' litteriżmu fl-IA għandu jitqies suffiċjenti meta jikkontribwixxi għall-ħila tal-operaturi li jikkonformaw bis-sħiħ ma' IA affidabbli u jibbenefikaw minnha, u b'mod partikolari mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minbarra s-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir ***msemmija*** fil-paragrafu 1, anki s-sistemi ***tal-AI imsemmija*** fl-Anness III għandhom jitqiesu li għandhom riskju kbir.	2. Minbarra s-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir ***imsemmija*** fil-paragrafu 1, anki s-sistemi ***tal-IA msemmija*** fl-Anness III għandhom jitqiesu li għandhom riskju kbir ***minħabba r-riskju tagħhom li jikkawżaw***

	dannu lis-saħħa, lis-sikurezza, lill-ambjent, lid-drittijiet fundamentali jew lid-demokrazija u lill-istat tad-dritt.

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-sistemi ***tal-AI*** jkunu maħsuba biex jintużaw f'xi waħda miż-żoni elenkati ***fil-punti 1 sa 8 tal-Anness*** III;	(a) is-sistemi ***tal-IA*** jkunu maħsuba biex jintużaw f'xi waħda miż-żoni elenkati ***fl-Anness*** III;

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-sistemi ***tal-AI*** joħolqu riskju ta' dannu għas-saħħa u s-sikurezza, jew riskju ta' impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali, jiġifieri, fir-rigward tas-severità u tal-probabbiltà ta' okkorrenza tiegħu, ekwivalenti għal jew akbar mir-riskju ta' dannu jew ta' impatt negattiv irrappreżentat mis-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir diġà msemmijin fl-Anness III.	(b) is-sistemi ***tal-IA*** joħolqu riskju ta' dannu għas-saħħa u s-sikurezza, jew riskju ta' impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali, ***id-demokrazija u l-istat tad-dritt, jew l-ambjent,*** jiġifieri, fir-rigward tas-severità u tal-probabbiltà ta' okkorrenza tiegħu, ekwivalenti għal jew akbar mir-riskju ta' dannu jew ta' impatt negattiv irrappreżentat mis-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir diġà msemmijin fl-Anness III.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta tivvaluta, għall-finijiet tal-paragrafu 1, jekk sistema ***tal-AI*** toħloqx riskju ta' dannu għas-saħħa u s-sikurezza jew riskju ta' impatt negattiv fuq id-	2. Meta tivvaluta, għall-finijiet tal-paragrafu 1, jekk sistema ***tal-IA*** toħloqx riskju ta' dannu għas-saħħa u s-sikurezza jew riskju ta' impatt negattiv fuq id-

drittijiet fundamentali ekwivalenti għal jew akbar mir-riskju ta' dannu kkawżat mis-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir diġà msemmija fl-Anness III, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:	drittijiet fundamentali***, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, jew fuq l-ambjent*** ekwivalenti għal jew akbar mir-riskju ta' dannu kkawżat mis-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir diġà msemmija fl-Anness III, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha twettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 annwalment fl-ambitu tal-kundizzjonijiet ta' konsultazzjoni stipulati fl-Artikolu 73.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA;

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Meta tiġi implimentata s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju deskritta fil-paragrafi 1 sa 7, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika dwar jekk is-sistema ***tal-AI*** b'riskju kbir hix probabbli tiġi aċċessata minn tfal jew tħallix impatt	8. Meta tiġi implimentata s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju deskritta fil-paragrafi 1 sa 7, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika dwar jekk is-sistema ***tal-IA*** b'riskju kbir hix probabbli tiġi aċċessata minn tfal***, anzjani, migranti***

fuqhom.	***u gruppi vulnerabbli oħra*** jew tħallix impatt fuqhom.

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-eżaminazzjoni fid-dawl tal-preġudizzji possibbli;	(f) l-eżami fid-dawl tal-preġudizzji possibbli***, b'mod partikolari devjazzjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sikurezza tan-nies jew li jwasslu għal diskriminazzjoni***;

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-iskop u l-ambjent li fihom is-sistema għandha tintuża.

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Is-sistemi ***tal-AI*** b'riskju kbir għandhom jiġu disinjati u żviluppati b'tali mod li jkun żgurat li t-tħaddim tagħhom ikun trasparenti biżżejjed biex l-utenti jkunu jistgħu jinterpretaw l-output tas-sistema u ***jużawh*** kif xieraq***. Għandhom jiġu żgurati tip u grad xierqa*** ta' ***trasparenza***, ***biex*** tinkiseb konformità mal-obbligi rilevanti ***tal-utent u tal-fornitur***	1. Is-sistemi ***tal-IA*** b'riskju kbir għandhom jiġu disinjati u żviluppati b'tali mod li jkun żgurat li t-tħaddim tagħhom ikun trasparenti biżżejjed biex ***il-forniturи u*** l-utenti ***u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra*** jkunu jistgħu ***faċilment*** jinterpretaw ***il-funzjonament u*** l-output tas-sistema u ***jużawha*** kif xieraq ***abbażi*** ta' ***deċiżjonijiet infurmati***, ***bil-ħsieb li*** tinkiseb konformità mal-obbligi rilevanti stabbiliti fil-

stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan it-Titolu.	Kapitolu 3 ta' dan it-Titolu.

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Sabiex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-fornituri u l-utenti għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA f'konformità mal-Artikolu 4b.

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Sabiex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-fornituri u l-utenti għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA f'konformità mal-Artikolu 4b.

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sabiex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, kif ukoll biex ikunu jistgħu jiġġustifikaw in-nuqqas ta' konformità possibbli tagħhom, l-utenti tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA f'konformità mal-Artikolu 4b.

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni, meta tħejji l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmijin fil-paragrafu 1, għandha tiġbor il-fehmiet ***tal-korpi*** jew ***tal-gruppi*** ta' esperti rilevanti stabbiliti skont id-dritt settorjali rilevanti tal-Unjoni.	2. Il-Kummissjoni, meta tħejji l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmijin fil-paragrafu 1, għandha tiġbor il-fehmiet ***tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż tar-rappreżentanti tal-industrija, tal-SMEs u ta' korpi*** jew ***gruppi*** ta' esperti rilevanti ***oħra*** stabbiliti skont id-dritt settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri għandhom jiżguraw li s-sistemi ***tal-AI maħsubin biex jinteraġixxu*** ma' persuni fiżiċi jkunu ddisinjati u żviluppati b'tali mod li l-persuni fiżiċi jiġu informati li qed jinteraġixxu ma' sistema ***tal-AI***, sakemm dan ma jkunx ovvju miċ-ċirkostanzi u mill-kuntest tal-użu. Dan l-obbligu m'għandux japplika għas-sistemi ***tal-AI*** awtorizzati bil-liġi biex jidentifikaw, jipprevjenu***,*** jinvestigaw u ***jipprosegwixxu*** reati kriminali, sakemm dawk is-sistemi ma jkunux disponibbli għall-pubbliku biex jirrapporta reat kriminali.	1. Il-fornituri għandhom jiżguraw li s-sistemi ***tal-IA użati għall-interazzjoni*** ma' persuni fiżiċi jkunu ddisinjati u żviluppati b'tali mod li l-persuni fiżiċi jiġu informati li qed jinteraġixxu ma' sistema ***tal-IA***, sakemm dan ma jkunx ovvju miċ-ċirkostanzi u mill-kuntest tal-użu. Dan l-obbligu m'għandux japplika għas-sistemi ***tal-IA*** awtorizzati bil-liġi biex jidentifikaw, jipprevjenu ***u*** jinvestigaw ***reati kriminali*** u ***biex iressqu każi ta'*** reati kriminali ***quddiem il-qorti***, sakemm dawk is-sistemi ma jkunux disponibbli għall-pubbliku biex jirrapporta reat kriminali.

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-utenti ta' sistema ta' rikonoxximent tal-emozzjonijiet jew ta' sistema ta' kategorizzazzjoni bijometrika għandhom jinformaw dwar it-tħaddim tas-sistema lill-persuni fiżiċi esposti għaliha. Dan l-obbligu m'għandux japplika għas-sistemi ***tal-AI*** użati għal kategorizzazzjoni bijometrika, li huma permessi bil-liġi li jidentifikaw, jipprevjenu u jinvestigaw reati kriminali.	2. L-utenti ta' sistema ta' rikonoxximent tal-emozzjonijiet jew ta' sistema ta' kategorizzazzjoni bijometrika għandhom jinformaw ***fi żmien xieraq, b'mod ċar u li jinftiehem,*** dwar it-tħaddim tas-sistema lill-persuni fiżiċi esposti għaliha. ***Dik l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll, kif xieraq, id-drittijiet u l-proċessi biex persuni fiżiċi jkunu jistgħu jappellaw kontra l-applikazzjoni ta' tali sistemi tal-IA għalihom.*** Dan l-obbligu m'għandux japplika għas-sistemi ***tal-IA*** użati għal kategorizzazzjoni bijometrika, li huma permessi bil-liġi li jidentifikaw, jipprevjenu u jinvestigaw reati kriminali.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-utenti ta' sistema ***tal-AI*** li tiġġenera jew timmanipula kontenut ta' immaġni, ta' awdjo jew ta' vidjo li sostanzjalment jixbah persuni, oġġetti, postijiet jew entitajiet jew avvenimenti eżistenti u li juri b'mod falz lil persuna li jkun awtentiku jew veritier ("deep fake"), għandhom jiżvelaw li l-kontenut ikun ġie ġġenerat jew immanipulat b'mod artifiċjali.	L-utenti ta' sistema ***tal-IA*** li tiġġenera jew timmanipula kontenut ta' immaġni, ta' awdjo***, ta' testi, ta' kitbiet*** jew ta' vidjo li sostanzjalment jixbah persuni, oġġetti, postijiet***, testi, kitbiet*** jew entitajiet jew avvenimenti eżistenti ***oħra*** u li juri b'mod falz lil persuna li jkun awtentiku jew veritier ("deep fake"), għandhom ***b'mod xieraq, ċar, ripetittiv, fi żmien xieraq u viżibbli*** jiżvelaw li l-kontenut ikun ġie ġġenerat jew immanipulat b'mod artifiċjali.

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Madankollu, l-ewwel subparagrafu	Madankollu, l-ewwel subparagrafu

m'għandux japplika meta l-użu ***jkun awtorizzat bil-liġi għas-sejbien, għall-prevenzjoni***, ***għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni*** ta' ***reati kriminali*** jew ikun meħtieġ għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tad-dritt għal-libertà tal-arti u tax-xjenzi ggarantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet ta' partijiet terzi.	***m'għandux*** japplika meta l-użu ***jifforma parti minn xogħol ċinematografiku jew analogu evidentement artistiku***, ***kreattiv jew*** ta' ***fittizju*** jew ikun meħtieġ għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tad-dritt għal-libertà tal-arti u tax-xjenzi ggarantiti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet ta' partijiet terzi.

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-fornituri u l-utenti tas-sistemi tal-IA li jirrakkomandaw, ixerrdu u jordnaw aħbarijiet jew kontenut kreattiv u kulturali għandhom jiżvelaw, b'mod xieraq, faċilment aċċessibbli, ċar u viżibbli, il-parametri ewlenin użati għall-moderazzjoni tal-kontenut u s-suġġerimenti personalizzati. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi ċaħda ta' responsabbiltà.

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandha tiġi pprovduta lill-persuni fiżiċi fi żmien xieraq, b'mod ċar u viżibbli mhux aktar tard miż-żmien tal-ewwel interazzjoni jew esponiment. Tali informazzjoni għandha ssir aċċessibbli meta l-persuna fiżika esposta tkun persuna b'diżabbiltà, tifel jew tifla jew meta tagħmel parti minn grupp vulnerabbli. Għandha tkun kompluta,

	fejn possibbli, bi proċeduri ta' intervent jew ta' senjalazzjoni għall-persuna fiżika esposta, filwaqt li jitqiesu l-istandards l-aktar moderni u armonizzati rilevanti rikonoxxuti b'mod ġenerali u l-ispeċifikazzjonijiet komuni.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jaħdem favur il-promozzjoni tal-adozzjoni tal-IA fl-Unjoni, speċjalment fost l-SMEs;

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord għandu jkun magħmul mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li għandhom ikunu rrappreżentati mill-kap jew minn uffiċjal ta' livell għoli ekwivalenti ta' dik l-awtorità, u mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Awtoritajiet nazzjonali oħrajn ***jistgħu*** jiġu mistiedna għal-laqgħat, meta l-kwistjonijiet diskussi jkunu rilevanti għalihom.	1. Il-Bord għandu jkun magħmul mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, li għandhom ikunu rrappreżentati mill-kap jew minn uffiċjal ta' livell għoli ekwivalenti ta' dik l-awtorità, u mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Awtoritajiet nazzjonali ***jew internazzjonali*** oħrajn ***u partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi mis-settur privat, għandhom*** jiġu mistiedna għal-laqgħat, meta l-kwistjonijiet diskussi jkunu rilevanti għalihom.

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord ***jista'*** jistieden esperti esterni u osservaturi biex jattendu l-laqgħat tiegħu u jista' jorganizza skambji ma' partijiet terzi interessati biex jinforma l-attivitajiet tiegħu sa livell xieraq. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji bejn il-Bord u korpi, uffiċċji, aġenziji u gruppi konsultattivi oħrajn tal-Unjoni.	4. Il-Bord ***għandu*** jistieden***, fejn rilevanti,*** esperti esterni u osservaturi biex jattendu l-laqgħat tiegħu u jista' jorganizza skambji ma' partijiet terzi interessati biex jinforma l-attivitajiet tiegħu sa livell xieraq. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni tista' tiffaċilita l-iskambji bejn il-Bord u korpi, uffiċċji, aġenziji u gruppi konsultattivi oħrajn tal-Unjoni***, inkluż il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA***.

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-kodiċijiet tal-kondotta jistgħu jitfasslu minn fornituri individwali ta' sistemi ***tal-AI*** jew minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom jew mit-tnejn li huma, inkluż bl-involviment tal-utenti u ta' kwalunkwe parti kkonċernata u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom. Il-kodiċijiet tal-kondotta jistgħu jkopru sistema waħda jew aktar ***tal-AI*** filwaqt li titqies is-similarità tal-għan maħsub tas-sistemi rilevanti.	3. Il-kodiċijiet tal-kondotta jistgħu jitfasslu minn fornituri individwali ta' sistemi ***tal-IA*** jew minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom jew mit-tnejn li huma, inkluż bl-involviment tal-utenti u ta' kwalunkwe parti kkonċernata u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom***, inklużi, b'mod partikolari, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi***. Il-kodiċijiet tal-kondotta jistgħu jkopru sistema waħda jew aktar ***tal-IA*** filwaqt li titqies is-similarità tal-għan maħsub tas-sistemi rilevanti.

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Sabiex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu, il-fornituri u l-

	utenti għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA f'konformità mal-Artikolu 4b.

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 71 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali, inklużi l-multi amministrattivi, applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati kif xieraq u b'mod effettiv. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, u dissważivi. Għandhom iqisu b'mod partikolari l-interessi tal-fornituri fuq skala żgħira u tan-negozji ġodda u l-vijabbiltà ekonomika tagħhom.	1. F'konformità mat-termini u mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali, inklużi l-multi amministrattivi, applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati kif xieraq u b'mod effettiv. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, u dissważivi. Għandhom iqisu b'mod partikolari l-interessi ***u l-pożizzjoni tas-suq*** tal-fornituri fuq skala żgħira u tan-negozji ġodda u l-vijabbiltà ekonomika tagħhom.

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 73 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Emenda 64

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Sistemi ***tal-AI*** maħsuba biex jintużaw bħala komponenti tas-sikurezza fil-ġestjoni u t-tħaddim tat-traffiku fit-toroq u l-provvista tal-ilma, il-gass, it-tisħin u l-elettriku.	(a) Sistemi ***tal-IA*** maħsuba biex jintużaw bħala komponenti tas-sikurezza fil-ġestjoni u t-tħaddim tat-traffiku fit-toroq u l-provvista tal-ilma, il-gass, it-tisħin***, it-telekomunikazzjonijiet,*** u l-elettriku.

Emenda 65

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Edukazzjoni u taħriġ ***vokazzjonali***:	3. Edukazzjoni u taħriġ:

Emenda 66

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Sistemi ***tal-AI*** maħsuba biex jintużaw biex jiddeterminaw l-aċċess jew l-assenjazzjoni ta' persuni fiżiċi lil istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ ***vokazzjonali***;	(a) Sistemi ***tal-IA*** maħsuba biex jintużaw biex jiddeterminaw l-aċċess jew l-assenjazzjoni ta' persuni fiżiċi lil istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ;

Emenda 67

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Sistemi ***tal-AI*** maħsuba biex jintużaw biex issir valutazzjoni tal-istudenti f'istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ ***vokazzjonali*** u biex issir valutazzjoni	(b) Sistemi ***tal-IA*** maħsuba biex jintużaw biex issir valutazzjoni tal-istudenti f'istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ u biex issir valutazzjoni tal-

tal-parteċipanti f'testijiet li s-soltu jkunu meħtieġa għal dħul fl-istituzzjonijiet edukattivi.	parteċipanti f'testijiet li s-soltu jkunu meħtieġa għal dħul fl-istituzzjonijiet edukattivi.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Sistemi tal-IA maħsuba biex jintużaw għall-iskop li jiġi determinat il-programm ta' studju jew l-oqsma ta' studju li l-istudenti jsegwu fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

Emenda 69

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 3 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) Sistemi tal-IA maħsuba biex jintużaw għall-monitoraġġ u d-detezzjoni ta' mġiba pprojbita tal-istudenti waqt it-testijiet fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

Emenda 70

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Impjiegi, ġestjoni tal-ħaddiema u aċċess għal impjiegi indipendenti:	4. Impjiegi ***u appoġġ għall-impjieg***, ġestjoni tal-ħaddiema u aċċess għal impjiegi indipendenti:

Emenda 71

Proposta għal regolament
Anness III – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***L-Intelliġenza Artifiċjali*** maħsuba biex tintuża għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-promozzjoni u t-terminazzjoni ta' relazzjonijiet ***kuntrattwali*** relatati max-xogħol, għall-allokazzjoni tal-kompiti u għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-imġiba ta' persuni f'dawn ir-relazzjonijiet.	(b) ***L-IA*** maħsuba biex tintuża għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ***l-istabbiliment,*** il-promozzjoni u t-terminazzjoni ta' relazzjonijiet relatati max-xogħol, għall-allokazzjoni tal-kompiti***, għall-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli tal-post tax-xogħol*** u għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-imġiba ta' persuni f'dawn ir-relazzjonijiet.

ANNEX: LIST OF ENTITIES OR PERSONS FROM WHOM THE RAPPORTEUR HAS RECEIVED INPUT

The following list is drawn up on a purely voluntary basis under the exclusive responsibility of the rapporteur. The rapporteur has received input from the following entities or persons in the preparation of the opinion, until the adoption thereof in committee:

Entity and/or person
AccessNow
Baptiste Caramiaux, CNRS researcher, Sorbonne Université in Paris
BEUC
Defenddigitalme
EDRi
European Disability Forum
Huawei
International Federation of Library Associations and Institutions
Joanna Bryson, Professor of Ethics and Technology, Hertie School
Liber Europe
Maldita.es
Martin Senftlebe, Professor of Intellectual Property Law, University of Amsterdam
Meaning Processing Ltd.
Saidot Ltd.
Scio.cz

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Regoli armonizzati dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u emenda ta' ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni
Referenzi	COM(2021)0206 – C9-0146/2021 – 2021/0106(COD)
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO LIBE 7.6.2021 7.6.2021
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 7.6.2021
Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.12.2021
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Marcel Kolaja 13.7.2021
Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	 16.12.2021
Eżami fil-kumitat	15.3.2022
Data tal-adozzjoni	15.6.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Ilana Cicurel, Tomasz Frankowski, Romeo Franz, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Dace Melbārde, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Loucas Fourlas, Ibán García Del Blanco, Marcel Kolaja, Domènec Ruiz Devesa
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Karen Melchior

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

24	+
ECR	Dace Melbārde, Andrey Slabakov
ID	Catherine Griset
PPE	Asim Ademov, Loucas Fourlas, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
RENEW	Ilana Cicurel, Karen Melchior
S&D	Ibán García Del Blanco, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Domènec Ruiz Devesa, Massimiliano Smeriglio
THE LEFT	Niyazi Kizilyürek
VERTS/ALE	Romeo Franz, Marcel Kolaja, Diana Riba i Giner

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni